# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 20/2020 JVC**

**L-Avukat Dr Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Christian Jarvis Torslen detentur tal-passaport Ingliz numru 548329278**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Malcolm Mifsud noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1) 'Illi ir-rikorrenti Christian Jarvis Torslen twieled nhar it-tlettax (13) ta' Frar elf disgha mija u hamsa u sebghin (1975) gewwa Freedom Fields Hospital fi Plymouth fl-Ingilterra u dakinhar tat-twelid is-Sur Christian Jarvis Torslen inghata l-isem ta' Christian George Thick;

2) Illi missier ir-rikorrenti Albert Carmel Joseph Paul Thick huwa Malti u ghaldaqstant ir-rikorrenti huwa cittadin Malti u ilu meqjus bhala tali minn twelidu u dan anke kif evidenzjat mill-ittra datata nhar il-hamsa (5) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) mibghuta lir-rikorrenti mid-Dipartiment tac-Cittadinanza fi hdan l-Awtorita' Identity Malta (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A);

3) Illi l-Att tat-twelid tar-rikorrenti originarjament registrat gewwa Plymouth, fil-County ta' Devon, l-Ingilterra gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar is-sitta (6) ta' Awwissu elfejn u dsatax (2019) u igib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni erbgha sitta wiehed tmienja (4618) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B);

4) Illi nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju elfejn u wiehed (2001) ir-rikorrenti izzewweg lis-sinjura Jin-Ping Yang permezz ta' cerimonja gewwa il-Little White Chapel, Las Vegas, Nevada fl-Istati Uniti. Dan iz-zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu elfejn u dsatax (2019) u igib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni tnejn tlieta hamsa disgha (2359) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C);

5) Illi permezz ta' deed poll ta' nhar it-tnax (12) ta' Settembru elfejn u sitta (2006) is-sur Torslen bidel l-isem u l-kunjom

moghtija lilu fit-twelid ta' Christian George Thick ghal ismu u kunjomu kurrenti u cioe' Christian Jarvis Torslen (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D) u huwa ilu juza dak l-isem sa minn dakinhar. Filfatt il-passaport Ingliz tieghu huwa mahrug taht l-isem Christian Jarvis Torslen (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. E);

6) Illi ir-rikorrenti jixtieq illi din il-bidla fl-isem u l-kunjom tieghu tigi rikonoxxuta anke gewwa pajjizna sabiex huwa ikun jista japplika sabiex jinhariglu passaport Malti bl-isem u kunjom illi huwa maghruf bih u illi ilu rikonnoxxut mill-awtoritajiet Inglizi sa mit-tnax (12) ta' Settembru elfejn u sitta (2006).

7) Illi inoltre jekk ikun rikonoxxut din il-bidla fl-isem u l-kunjom tas-Sur Christian Jarvis Torslen minn Christian George Thick ghal Christian Jarvis Torslen, il-mara tieghu is-Sinjura Jin-Ping Yang tkun f'pozizzjoni illi tipprocedi bl-applikazzjoni taghha sabiex tottjeni ic-cittadinanza Maltija stante illi ma tistax taghmel dan qabel ma tigi rikonoxxuta tali bidla fl-isem u l-kunjom ta' zewgha;

8) Illi gewwa l-Ingilterra kull individwu ghandu id-dritt illi jibdel ismu u kunjomu b'mod liberu permezz ta' kuntratt u cioe' l-imsemmi deed poll u ghalkemm ma hemmx statut illi jillegisla l-imsemmi deed poll huwa dokument illi ghandu validita' legali stante illi gie accettat minhabba it-trapass ta' zmien u l-prattika kif filfatt huwa komuni fil-ligijiet Inglizi (opinjoni legali ta' Avukat mill-Ingilterra hawn annessa u mmarkata bhala Dok. F);

9) Illi a kuntrarju tas-suespost, l-Awtoritajiet Maltin ma jirrikonnux bidla fl-isem tal-isem jew kunjom tal-persuna permezz ta' deed poll awtomatikament u hija din l-Onorabbli Qorti illi ghandha is-setgha illi taghmel dan u ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghed jipprezenta il-proceduri odjerni.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja, joghgobha;

1) Tordna u tirrikonoxxi illi is-Sur Christian Jarvis Torslen validament bidel ismu minn Christian George ghal Christian Jarvis u dan permezz tad-deed poll datat nhar it-tnax (12) ta' Settembru elfejn u sitta (2006).

2) Tordna u tirrikonoxxi illi is-Sur Christian Jarvis Torslen validament bidel kunjomu minn Thick ghal Torslen u dan permezz tal-imsemmi deed poll datat nhar it-tnax (12) ta' Settembru elfejn u sitta (2006).

3) Tordna illi ir-rikorrenti ghandu ikun maghruf gewwa Malta bl-isem ta' Christian Jarvis Torslen.

4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili tal-esponenti kif applikabbli.

Bl-ispejjez kontra id-Direttur intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghalkemm l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili;

3. Illi fir-rigward tad-*deed polls,* ghalkemm dawn ma humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolinejat illi l-Qrati taghna ddeciedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzjoni;[1]

4. Illi fil-kaz odjern, jidher li r-rikorrent twieled gewwa l-Ingilterra nhar it-13 ta' Frar 1975 u nghata l-isem ta' Christian George Thick. Sussegwentament nhar il-31 ta' Mejju 2001, ir-rikorrent izzewweg lil Jin-Ping Yang gewwa l-iStati Uniti tal-Amerika;

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur tar-Regsitru Pubbliku**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Regsitru Pubbliku**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' April 2019.

5. Illi fil-kaz odjern, saret talba ghar-registrazzjoni ta' Att tat-Twelid ul-Att taz-Zwieg esteri tal-attur, liema talbiet qeghdin jigu annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2' Flimkien ma' dawn it-talbiet, l-attur forna lid-Direttur konvenut bl-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg esteru tieghu, liema Atti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 3' u 'Dok. DRP 4'. F'tali kaz, l-esponent jissottolineja illi registrazzjoni ta' Atti ta' Stat Civili jsir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat Civili esteru u jirregistra l-istess ad verbatim fuq dak Malti. Ghaldaqstant fil-kaz tal-attur, l-esponent ma setghax jiehu in konsiderazzjoni tad-deed poll u/jew tad-dokumenti kollha li kellu a disposizzjoni tieghu gialdarba l-esponent kellu obbligu li jsegwi l-procedura kif kontemplata f'Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk huwa pprovda lill-attur bl-Att tat-Twelid u bl-Att taz-Zwieg Malti, liema Atti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 5' u 'Dok. DRP 6';

6. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

7. Illi l-esponent jinnota illi l-attur, inter alia, ezebixxa mar-rikors promotur kopja tad-deed poll in kwistjoni u dan bl-intiza li jsostni t-talba kif dedotta minnu stess. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.'

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti l-Avukat Dottor Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Christian Jarvis Torslen permezz tar-rikors guramentat odjern u d-dokumenti esebiti fosthom ic-certifikat tat-twelid a fol. 10 tal-process bin-numru ta' iskrizzjoni 4618 tas-sena 2019 u c-certifikat ta' zwieg a fol. 11 tal-process bin-numru ta' iskrizzjoni 2359 tas-sena 2019 qed jitlob li ssir korrezzjoni fuq l-att ta' twelid u l-atti kollha tal-istat civili, sabiex ismu u kunjomu jigu mibdula minn 'Christian George Thick' ghal 'Christian Jarvis Torslen'. Ir-rikorrenti jsostni li permezz ta' deed poll datata 12 ta' Settembru, 2006 it-tibdil rikjest permezz tal-kawza odjerna gja gie rikonoxxut gewwa l-Ingilterra u ghalhekk huwa jrid li dan il-bdil jigi wkoll rikonoxxut gewwa Malta halli fost affarijiet ohra jigu evitati cirkostanzi ta' identita' doppja.

Fir-risposta tieghu tal-14 ta' Frar, 2020 id-Direttur intimat sostna li huwa m'huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat. Id-Direttur sostna li ghalkemm il-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr

ghal limiti espressi fil-ligi, ricentament il-qrati kienu anqas rigidi. Fir-rigward id-deed polls qal li ghalkemm dawn m'humiex regolati bil-ligi nostrana, l-Qrati ddecidew li sabiex deed poll jista' jigi rikonoxxut ghadha (i) ssir prova li d-deed pool verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzoni. Id-Direttur intimat sostna li fit-talba ghar-registrazzjoni tal-att tat-twelid u l-att taz-zwieg ir-rikorrenti forna lid-Direttur intimat bl-atti esteri tieghu. Ir-registrazzjoni ta' atti esteri ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn id-Direttur intimat jislet l-informazzjoni mill-atti tal-istat Civili esteri. Fil-kaz tar-rikorrenti d-Direttur intimat ma setax jiehu in konsiderazzjoni tad-deed poll u/jew dokumenti ohra a disposizzjoni stante li huwa obbligat li jsegwi l-procedura kontemplata fl-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Ghalhekk huwa eccepixxa li da parte tieghu ma jirrizultax li sar xi zball jew saret xi ommissjoni minnu. Dwar id-deed poll, id-Direttur intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. Finalment eccepixxa li huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti stante li l-azzjoni tal-attur m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parte tad-Direttur intimat.

Rat illi fil-21 ta' Jannar, 2020 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 39 u fol. 40 tal-process.

Rat il-kopja tal-UK Deed Poll Service a fol. 13 u fol. 14 tal-process li giet awtentikata minn Nutar Pubbliku Shujaat Husain u apostille fil-25 ta' Frar, 2019. Mill-kopja tad-deed poll jirrizulta li r-rikorrenti fit-12 ta' Settembru, 2006 irrinunzja ghall-isem Christian George Thick u assuma u adotta l-isem ta' Christian Jarvis Torslen.

Rat l-opinjoni legali dwar id-deed poll fl-Ingilterra minghand Mr Roohul Lodhi Solicitor ta' ALH Solicitors datata 21 ta' Frar, 2019 a fol. 16 *et seq* tal-process fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat:

'We can confirm that a Deed Poll, similar to that which Mr Torslen has previously executed to change his name, is a legally binding document and acceptable in the UK as evidence of a change of name. There are a number of ways in which a person residing in the United Kingdom can change either their forenames or surnames or both. A deed Poll is the most common method of changing one's name.'

Rat ukoll il-kopja tal-passaport tal-Ingilterra bin-numru 548329278 a fol. 15 tal-process li gie wkoll awtentikat minn Nutar Pubbliku Shujaat Husain minn fejn jirrizulta li zgur mis-26 ta' Lulju, 2017 (data tal-hrug tal-passaport), l-isem tar-rikorrenti uzat huwa dak ta' Christian Jarvis Torslen.

Rat ukoll id-deposizzjoni tar-rikorrenti Christian Jarvis Torslen moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 46 *et seq* tal-process fejn huwa kkonferma bil-gurament tieghu li ilu jaghmel uzu kemm fil-hajja kwotidjanja kif ukoll dik lavorattiva, ta' dak l-isem u kunjom ghal dawn l-ahhar erbatax-il (14) sena. Huwa qal li l-karriera tieghu fil-'financial services/management consulting' giet kollha mibnija bl-uzu ta' dak l-isem.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment;</u>**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaghtu dritt lill-

persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi jibda billi jinghad li ghalkemm l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jsemmi biss isem u mhux ukoll kunjom, huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw l-ligi b'rigorozita' stretta u qeghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin. Ir-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju minhabba l-interess pubbliku u dana stante li kambjamenti f'kunjom jista johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicat*".'

Illi din il-Qorti tinnota li fic-cirkostanzi prezenti jirrizulta li r-

rikorrent ghandu cittadinanza doppja u cioe′ dik Maltija u dik Ingliza. Filwaqt li fil-gurisdizzjoni ta′ Malta huwa maghruf bl-isem ta′ Christian George Thick (ara ittra mibghuta mill-Identity Malta a fol. 8 tal-process), mill-banda l-ohra fil-gurisdizzjoni Ingliza huwa maghruf bl-isem ta′ Christian Jarvis Torslen. Din il-Qorti taqbel perfettament ma′ dak iddikjarat mir-rikorrent li sitwazzjoni simili tista′ twassal ghal identita′ doppja, bil-konsegwenzi u riperkussjonijiet kollha taghha partikolarment fil-konfront ta′ terzi. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li huwa fl-ahjar interess pubbliku li t-talba tal-attur tigi milqugha b′dan li sitwazzjoni ta′ identita′ doppja tigi kompletament eskluza.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa′ l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m′ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa′ t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa′ l-ewwel talba u tordna u tirrikonoxxi li Christian Jarvis Torslen validament bidel ismu minn Christian George ghal Christian Jarvis u dan permezz tad-deed poll datat 12 ta′ Settembru, 2006;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna u tirrikonoxxi illi is-Sur Christian Jarvis Torslen validament bidel kunjomu minn Thick ghal Torslen u dan permezz tal-imsemmi deed poll datat nhar it-tnax (12) ta' Settembru elfejn u sitta (2006);

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi ir-rikorrenti ghandu ikun maghruf gewwa Malta bl-isem ta' Christian Jarvis Torslen;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili tal-esponenti kif applikabbli u fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrent.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru 2020**